

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tat-22 ta' Marzu 2018 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Juzgado Contencioso-Administrativo n° 2 de Zaragoza – Spanja) – Pilar Centeno Meléndez vs Universidad de Zaragoza

(Kawża C-315/17) ⁽¹⁾

(“Rinviju preliminari — Direttiva 1999/70/KE — Ftehim qafas dwar xogħol għal żmien determinat konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u miċ-CEEP — Klawżola 4 — Prinċipju ta' nondiskriminazzjoni — Sistema ta' żvilupp fil-karriera ta' natura orizzontali — Għoti ta' komplement ta' remunerazzjoni — Leġiżlazzjoni nazzjonali li teskludi lill-aġenti mhux titolari — Kunċetti ta' 'kundizzjonijiet tal-impjeg' u ta' “raġunijiet oġġettivi”)

(2018/C 190/03)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Qorti tar-rinviju

Juzgado Contencioso-Administrativo n°2 de Zaragoza

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Pilar Centeno Meléndez

Konvenuta: Universidad de Zaragoza

Dispożittiv

Il-Klawżola 4(1) tal-Ftehim Qafas dwar ix-xogħol għal żmien determinat, konkluż fit-18 ta' Marzu 1999, li jinsab anness mad-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u miċ-CEEP, għandha tiġi interpretata fis-sens li tipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tirriżerva l-parteċipazzjoni fis-sistema ta' żvilupp fil-karriera ta' natura orizzontali tal-persunal amministrattiv u tekniku tal-Università ta' Zaragoza (Spanja) u, għaldaqstant il-benefiċċju ta' komplement ta' remunerazzjoni, li huwa konsegwenza ta' din il-parteċipazzjoni, għall-uffiċjali u għall-membri tal-persunal bil-kuntratt permanenti, bl-esklużjoni, b'mod partikolari, tal-persuni impjegati bħala aġenti mhux titolari.

⁽¹⁾ ĠU C 269, 14.08.2017.

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tas-16 ta' Jannar 2018 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Varhoven kasatsionen sad (il-Bulgarija)) – PM vs AH

(Kawża C-604/17) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja — Spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja — Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili — Ġurisdizzjoni f'materja ta' responsabbiltà tal-ġenituri — Regolament (KE) Nru 2201/2003 — Ġurisdizzjoni ta' qorti ta' Stat Membru biex tisma' kawża f'materja ta' responsabbiltà tal-ġenituri fil-każ fejn il-wild ma jirrisjedix fit-territorju ta' dan l-Istat — Ġurisdizzjoni f'materji relatati mal-obbligu ta' manteniment — Regolament (KE) Nru 4/2009)

(2018/C 190/04)

Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru

Qorti tar-rinviju

Varhoven kasatsionen sad (il-Bulgarija)

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: PM

Konvenuta: AH

Dispożittiv

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003, tas-27 ta' Novembru 2003, dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000, għandu jiġi interpretat fis-sens li qorti ta' Stat Membru li għandha ġurisdizzjoni biex tiddeċiedi, abbażi tal-Artikolu 3(1)(b) ta' dan ir-regolament, dwar rikors għal divorzju bejn żewġ miżżewġin li għandhom iċ-ċittadinanza ta' dan l-Istat Membru, ma hijiex kompetenti biex tiddeċiedi dwar id-dritt ta' kustodja u d-dritt taż-żjara fir-rigward tal-wild tal-miżżewġin meta fil-mument li tiġi adita din il-qorti, dan il-wild ikollu r-residenza abitwali tiegħu fi Stat Membru ieħor u meta l-kundizzjonijiet meħtieġa biex din il-ġurisdizzjoni tgħaddi għand il-qorti msemmija abbażi tal-Artikolu 12 tal-imsemmi regolament ma jkunux sodisfatti, barra minn hekk fid-dawl tal-fatt li miċ-ċirkustanzi tal-każ fil-kawża prinċipali lanqas ma jkun jirriżulta li din il-ġurisdizzjoni tista' tkun ibbażata fuq l-Artikoli 9, 10 jew 15 tal-istess regolament. Barra minn hekk, din il-qorti ma tissodisfax il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3(d) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 4/2009, tat-18 ta' Diċembru 2008, dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet u l-kooperazzjoni f'materji relatati ma' obbligi ta' manteniment.

(¹) ĠU C 22, 22.01.2018.

Appell ippreżentat fil-21 ta' Novembru 2017 minn Grupu Osborne S.A. mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Is-Seba' Awla) fl-20 ta' Settembru 2017 fil-Kawża T-350/13, Jordi Nogués vs EUIPO – Grupu Osborne (BADTORO)**(Kawża C-651/17 P)**

(2018/C 190/05)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Appellanti: Grupu Osborne S.A. (rappreżentant: J. M. Iglesias Monravá, avukat)

Parti oħra fil-proċedura: Jordi Nogués S.L. u L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea

Permezz ta' digriet tat-12 ta' April 2018, il-Qorti tal-Ġustizzja (is-Sitt Awla) ħadhet l-appell u kkundannat lil Grupu Osborne S.A. tħallas l-ispejjeż rispettivi tagħha.

Appell ippreżentat fil-21 ta' Novembru 2017 minn Grupu Osborne S.A. mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Is-Seba' Awla) fl-20 ta' Settembru 2017 fil-Kawża T-386/15, Jordi Nogués vs EUIPO – Grupu Osborne (BADTORO)**(Kawża C-652/17)**

(2018/C 190/06)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Appellanti: Grupu Osborne S.A. (rappreżentant: J. M. Iglesias Monravá, avukat)

Parti oħra fil-proċedura: Jordi Nogués S.L. u L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea